MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2008

Numru 1373/2007

Il-Qorti qed tordna divjet kemm tal-isem tal-imputat kif ukoll tal-allegata vittma ghaliex l-allegata vittma ghada taht it-tmientax (18) –il sena u hemm rabta familjari bejn l-imputat u l-minorenni. B’dan il-mod il-Qorti tkun qed tipprotegi l-identita tal-minuri bis-shih.

Il-Qorti.

1. l-imputazzjonijiet dedotti kontra “O”

a) Akkużat talli nhar is-6 ta’ Novembru 2007 għall-ħabta tat-8.00 pm fi Triq San Ġorġ Qormi kif ukoll b’diversi atti magħmulin, ukol jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u li jkunu ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda uża vjolenza sabiex iġiegħel lil “X” tagħmel, tħalli jsir jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa; (Artikolu 251 (1)); (18)
b) Aktar talli ikkaġuna biza’ li ser tintuża xi vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta’ tagħha jew kontra l-persuna

jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1);
ċ) Aktar talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' "X" f'perikolu ċar volontarjament ikkaġuna ġrieħi t'a natura ħafifa fuq il-persuna ta' "X";
d) Aktar talli ġarr fuqu sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta mingħajr ma kellu liċnezja mill-Kummissarju tal-Pulizija;
e) Aktar talli ħebb kontra "X" sabiex tinġurjaha, iddejjaqha, jew tagħmel ħsara lilha jew lil ħaddieħor;
f) Aktar talli hedded bi ħwejjeġ iebsin jew waddab jew qabad armi oħra kontra "X";
g) Aktar talli għadli kellu l-jedd li jwiddeb lil ħadd ieħor ħareġ barra mill-qies;
h) aktar talli meta kein fid-dmir li jieħu ħsieb tat-tfal jew ta' persuni oħra li ma jkunux kapaċi jieħdu ħsieb tagħhom infushom naqas li jieħu ħsieb kif jinħtieġ ta' dawn it-tfal jew persuni oħra;
i) Aktar talli f'post pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku kien jinsab f'sakra b'mod li ma setax jieħu ħsieb tiegħu nnifsu;
j) u aktar talli volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku;
k) u aktar talli sar reċidiv b'diversi sentenzi li ma jistgħux jinbidlu;
l) U aktar talli għamel reat waqt perjodu ta' sentenza sospiża li saret definittiva nhar is-26 ta' Mejju 2006 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta bħala Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr.Miriam Hayman fejn kien issentenzjat għal sena priġunerija sospiża għal sentejn.

2. Il-Qorti ntalbet sabiex tipprovdi għall-protezzjoni ta' "X" u tal-familja taħgha skond la-rtikolu 412C u kif ukoll tagħmel Ordni tat-Trażżin skond la-rtikolu 382A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Rat il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol.7), il-fedina penali ta' l-imputat, il-kunsens ta' l-imputat sabeix dawn il-proċeduri jkunu sommarji, l-istqarrija ta' l-imputat a fol.36, il-current incident report (a fol.38), iċ-ċertifikat tat-tabib (fol.23), l-esibit (Dok JJB 1), is-sentenza tas-26 ta' Mejju 2006 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus "O" (274862(M))(fol.43-46), ul-

Ordni ta’ Protezzjoni magħmula fit-18 ta’ Diċembru 2007 li biha l-imputat bl-ebda mod ma jista’ jsawwat lil bintu tkun xi tkun ir-raġuni u ma kellux jagħmel kuntatt ma’ bintu ħlief meta hi trid tkellmu, liema ordni għandha tibqa’ fis-seħħ għal sitt xhur (fol. 109)

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli Prosekutur u ta’ l-abbli difensur;

Ikkonsidrat.

**Xhieda Prosekuzzjoni**

7. Il-fatti fil-qosor huma dawn. Fis-6 ta’ Novembru 2007, daħlet “X”, tifla ta’ 15-il sena fl-għassa assistita minn ommha. Kien jidher li t-tifla kienet għadha kemm qalgħet xebgħa minn għand missierha u kellha tittieħed l-isptar. Hemm inżammet għal aktar kura minħabba d-daqqiet li qalgħet ġo rasha. L-imputat instab id-dar fis-sakra b’riħa ta’ alkoħol fuqu. L-imputat għamel stqarrija l-għada.

**L-Istqarrija ta’ l-Imputat**

8. Mill-istqarrija jirriżulta li kien ikun hemm xi argumenti mat-tifla għaliex kienet tidħol tard. L-imputat ma jafx ma’ min qed tagħmilha bintu. Meta staqsieha ma’ min kienet it-tifla ma riditx tgħidlu. Xi jumejn qabel kien mar għaliha is-Saqqajja u ra ma’ ġuvni li bintu qaltlu li kien Pulizija. L-imputat ma riedx iħalli lil bintu toħroġ iżda hi baqgħet tisfidah. Huwa nnega li kien ġera warajha b’xi sikkina u li kien fis-sakra. Hu kien ħa xi erba’ birra biss. Huwa kien kellem lit-tifla diversi drabi iżda xorta ma riditx tobdi.

9. L-ispettur xehed ukoll li kien għamilha ċara lill-imputat li kellu dritt jikkoreġiha iżda mhux b’dak il-mod. (fol.21). Bil-mod tiegħu kien qed joħloq biża’ fit-tifla.

10. Xehdet ukoll omm “X” li qalet li rat lir-raġel tagħha xurban. Meta daħlet fid-dar, l-imputat deher depressed u lilha ta dqqtejn fuq wiċċha. . Quddiemha lit-tifla kien forsi

taha daqqtejn u ratu jimbuttaha. (fol.26). Lilha kien tefgħalha s-siġġu u t-tifla kienet imbeżżgħa. It-tifla spiċċat qattgħet jumejn l-isptar. Sa meta xehdet l-omm, it-tifla kienet għadha mbeżżgħa.

11. Xehdet ukoll Daniela Sciberras, social worker maċ-Child Protection ta' l-Appoġġ. It-tifla kienet qaltilha li missierha beda jsawwatha u jiġbidlha xagħarha u kaxkarha sa fuq is-sufan tas-salott. Missierha beda jkisser il-bowls u jitfgħalha l-ħġieġ. Qalet li missierha pprova jifgaha billi daħħlilha tapit ġo rasha u beda jheddidha lis er joqtolha. Huwa beda jiġri warajha b'mus. L-inċident dam sejjer mill-5.30pm sat-7.45pm. It-tifla kienet terrorizzata.

12. L-Ispettur Chris Galea Scanura kkonferma li s-sentenza tas-26 ta' Mejju 2006 mill-Maġistrat Dr.Miriam Hayman ingħatat fil-konfront ta' l-imputat.

13. Xehdet it-Tabiba Dorothy Zammit li kienet eżaminat lil "X". Din sabet gundalli fuq in-nħa ta' fuq ta' l-id u kważi fuq il-biċċa ta' l-id ta' fqu viċin l-elbow. Din kienet l-id tax-xellug. Kellha gundalla fuq in-naħa tax-xellug tal-moħħ viċin il-hairline. Ma kienx hemm ksur fil-partijiet li saret x-ray tagħhom.Huma daħħluha fil-ward għall-osservazzjoni minħabba li kien hemm evidenza ta' head injury. It-tifla kieent ixxukkjata u l-ġrieħi kienu kompatibbli ma' finger pressure. (fol.50). Ix-xhud qalet li ma taqħsibx li ntużat xi ħaġa iebsa u ħasbet li xi ġrieħi setgħu saru b'xi daqqa ta' ponn. (fol.50). Il-gundalla ta' fuq rasha setgħet saret b'xi daqqa fuq ras it-tifla jew inkella t-tifla ħabtitha. Ma tidhirx li saret b'xi oġġett partikolari. It-tifla setgħet inqabedet minn xagħarha u rasha kienet maħbuta mal-ħajt.

14. PS Dennis Agius xehed li meta daħal għax-xogħol fis-6 ta' Novembru 2007 huwa kien sab lit-tifla tibki u tgħajjat u kienet imwerwra. Huwa kein mar jiġbor lill-imputat u sab it-triq imblukkata bil-karozza tiegħu. L-imputat beda jgħajjat li kellu dritt ikun jaf fejn qegħda bintu. Kienu ħadu lill-imputat l-għassa waqt li bintu ma riedet ebda raġel jersaq lejha. Hija kienet qaltlu li ser imorru għaliha bis-sikkina. L-għada kien infurmat mill-isptar li t-tifla kienet intbagħtet lura d-dar u t-tifla kienet tatu mus li kien

heddidha bih l-imputat għalkemm ma kienx jaf minn fejn ġabitu. It-tifla kient semmiet ‘is-sikkina’ dak in-nhar stess ta’ l-inċident. (fol.56). L-imputat kien xurban għax kellu riħa ta’ xorb.

15. PC 1035 Norbert Micallef xehed li meta mar ħdejn id-dar ta’ l-imputat sab il-karrozza pparkjata f’nofs it-triq għalkemm din hija dejqa.Huwa beda jitkellem baxx u kienu ssusspettaw li kien xurban. Sab lit-tifla fl-għassa u nurse kienet qed tipprova tikkalmaha. Meta daħal dan ix-xhud fl-għassa t-tifal kienet qed tikkalma. Imbagħad xamm riħa ta’ xorb fuq l-imputat. Iżda t-tifla kienet f’paniku.

## Xhieda ta’ “X” – l-allegata vittma

16. Xehdet l-allegata vittma “X” li twieldet fit-12 ta’ Settembru 1992. Fis-6 ta’ Novembru 2007 għall-ħabta tal-5.30pm. kien wasal l-imputat id-dar u beda jgħajjat minn barra u qalilha tiftaħ il-bieb. Imbuttaha, daħlet fis-salott u li sab fuq il-mejda beda jagħtiha bih. Kien hemm ħafna ħġieġ tal-bowls li kienu fuq il-mejda. Dawn kienu tkissru minn missierha. Huwa kien waddabhom ma’ l-art. Kien hemm waħda qisha bajda u taha daqqtejn biha f’ras ix-xhud apparti d-daqqiet l-oħra normali. Beda jhedded li ser joqtolha. Beda jwaddab il-ħġieġ. Imbagħad qabad it-tapit , niżżlilha rasha ‘l isfel bit-tapit u aktar ma bdiet tgħidlu biex iħalliha iktar qalgħalha xagħarha minn taħt. Huwa beda jżommilha rasha taħt it-tapit li kien mimli bil-ħġieġ. Ix-xhud damet b’rasha taħt it-tapit mhux ħażin. Ix-xhud ippruvat tilqa’ b’idejha waqt li għamlet idha fuq in-naħa ta’ wara t’għonqha. Beda jgħidlha ‘Jew jien jew int.’ Hija żgiċċat għax waslet ommha li qalgħet daqqtejn fuq wiċċha waqt li l-imputat waddbilha siġġu. Ix-xhud spjegat li kienet għamlet idha fuq rasha biex tevita d-daqqiet. L-imputat beda juża kliem xejn kumplimentuż fil-konfront tax-xhud waqt li kompla jhedded.

17. Ix-xhud kienet raqdet lejl l-isptar. Hija ċaħdet li kienet hi li tathom il-mus lill-Pulizija.

18. Fil-kontro-eżami x-xhud qalet li missierha kien beda jwaddbilha l-ħġieġ li kien hemm ma' l-art. Bil-bowl il-bajda kien laqtha fuq rasha imma ma kenitx ċerta liema naħa. Hija kellha bruises fuq idha u fuq rasha. Kellha wkoll uġigħ f'rasha. Malli fetaħ il-bieb beda jgħajjat, jidgħi u jgħolli kollox. Il-jum ta' qabel kienet ċemplet lil ommha u qalet lil xi Pulizija jmur ħdejha għax kienet taf x'ser jagħmel missierha. Dak in-nhar missierha kellu jmur ix-xogħol għax kien jaħdem ma' tal-ħobż. Lil missierha ma kenitx tgħidlu fejn kienet ikun. **Ix-xhud għarfet il-mus li missierha kien qabad.**

**Xhieda Difiża.**

19. Fil-kontro-eżami l-Ispettur spjega li kienu ħallew lill-imputat jistrieħ għax ma kienx f'pożizzjoni li jkellimhom minħabba x-xorb. Il-Pulizija kienu jafu li l-imputat jixrob ħafna. Kien is-surġent li qal li l-imputat kien fis-sakra. Fl-istqarrija l-imputat kien ħa xi erba' drinks.

**Xhieda ta' l-imputat**

20. L-imputat xehed li kien wissa t-tifla minħabba li ddum barra. Darba minnhom, wara li kien inkwieta ħafna, l-Pulizija ċemplulu għal xi t-3.30 am li kienu sabu lit-tifla. Wara din l-okkażjoni reġgħet bdiet iddum. L-imputat beda jissikka lit-tifla sabiex tgħidlu fejn kienet qed tkun. Huwa spjega li kien mar għat-tifla r-Rabat minkejja li kien sarlu l-ħin għax-xogħol. Ra t-tifla ma' bniedem li imbagħad sparixxa. Kien mar ix-xogħol u l-għada kien mar Tas-Sliema u ħa erba' birra. Imbagħad ħa xi żewġ bottijiet birra oħrajn. Kien wasal id-dar f'xi s-7.00pm u pparkja l-karozza fl-isqaq 'għax dak sqaq u mhux fin-nofs'. Imbagħad staqsa lil "X"ma' min kienet il-jum ta' qabel. Qalilha li ma kenitx ser toħroġ u hi baqgħet tinsisti li kienet ser toħroġ. Huwa qabadha minn xagħarha u imbuttaha fuq is-sufan. Huwa kisser żewġ ashtrays u platt tal-pajrex. U qalilha li kien ser ineħħilha l-internet. Lil ommha qalilha biex tmur l-għassa. Lill-pulizija qallu li ma tantx kien sawwat lit-tifla.

21. Fil-kontro-eżami huwa qal li lit-tifla kien kellimha żewġ minuti biss. Huwa qal li ma kienx hemm provi li ġera wara t-tifla bil-mus. Huwa qal ukoll li t-tifla tnax-il siegħa damet l-isptar u mhux jumejn.Dwar it-twadib tal-ħġieġ huwa qal li kieku għamel hekk it-tifla kien ikollha l-grif.  Huwa qal li kien f'kundizzjoni mentali tajba biex jikkoreġi lit-tifla.

**It-Trattazzjoni**

22. Fit-Trattazzjoni l-Prosekuzzjoni nsistiet li japplika l-artikolu 251(1) għaliex l-imputat kien mar oltre milli sempliċiment jiddixiplina lit-tifla għax uża l-vjolenza b'mod estensiv. Mhux bilfors li wieħed iġagħlek tagħmel xi ħaġa ħażina biex ikun japplika dan l-artikolu.  Barra dan ma kienx possibbli li huwa jkellem lill-imputat minħabba l-istat li kien fih l-imputat.

23. Id-difiża ma qablitx ma' l-interpretazzjoni li qed tagħti l-Prosekuzzjoni għal dan l-artikolu.  Jista' jkun li eċċeda fid-dixxiplina iżda t-tifla riedet tisfida.  It-tifla hia xi ftit stinata. Għalhekk l-ewwel imputazzjoni ma tissusistix.

24. Il-Prosekuzzjoni sostneit li l-artikolu 251 tal-Kap 9 jippostula l-użu tal-vjolenza u t-tneħħija tal-liberta' ta' azzjoni tal-vittma.  L-artikolu 251 fih l-element tal-vjolenza li ma fihx ir-reat tar-ragion fattasi.  Ukoll jekk l-għan mixtieq huwa wieħed legalment aċċettabbli, il odo di fare huwa odjuż f'għajnejn il-Liġi.

25. Id-Difiża reġgħet ma qablitx.  Issottomettiet li l-Prosekuzzjoni qed tgħid li l-imputat uża l-vjolenza sabiex bintu tgħidlu fejn u ma' min qed tmur.  Jinħtieġ li mhux biss ikun hemm il-vjolenza iżda l-intenzjoni li ġġiegħel persuna tagħmel jew ma tagħmilx xi ħaġa.  Hawn il-kawża kienet l-attaġġjament ta' bint l-imputat. Għalhekk il-vjolenza kienet riżultat tas-suppervja tal-vittma.  L-imputat ma użax il-vjolenza biex bintu taħgmel xi ħaġa.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

26. L-ewwelnett bħala fatt il-Qorti, wara li semgħet ix-xhieda kollha kkonkludiet li l-imputat kien vjolenti fil-

konfront ta’ bintu u vjolenti bil-goff. Li tkisser l-ashtrays (skond il-verżjoni tiegħu) jew il-‘bowls’ skodn il-verżjoni ta’ bintu u twaddab il-ħġieġ lejn it-tifla hija vjolenza li tmur oltre d-dixxiplina li missier jew omm jeżerċitaw fuq uliedhom. L-imputat ipprova jpinġi s-sitwazzjoni bħala ftit ġbid tax-xagħar. Il-Qorti ma ssibx din il-verżjoni attendibbli. Mix-xhieda tal-Pulizija li raw lit-tifla fl-ewwel mumenti kif ukoll mix-xhieda tat-tifla jirriżulta ampjament li l-imputat kien vjolentissimu. Li t-tifla tispiċċa trid tiddefendi ruħha billi tpoġġi jdejha fuq rasha fejn kienu neżlin id-daqqiet ma jsitax jitqies bħala xi forma ta’ dixxiplina fil-limiti aċċettati. Il-Qorti ssib li anke x-xorb żejjed ta’ l-imputat huwa ppruvat u dan mill-istqarrija tiegħu stess u minn kif xehed għaliex dan mhux xorob darba iżda reġa’ xorob. Il-Pulizija li kellmuh ukoll xammew ir-riħa ta’ xorb u kien dan l-istat li wassal lill-imputat li saħansitra deffes ras it-tifla fit-tapit. Il-Qorti qed tiddeċiedi wkoll li l-imputat imminaċċja lil bintu bil-mus għax kienet bintu stess li għarfitu meta dan intwera fl-Awla.

27. Bħala Punt ta’ Liġi, il-Qorti għandha l-artikolu 251(1) tal-Kap 9. Dan l-artikolu jgħid:

‘Kull min juża vjolenza sabiex iġiegħel lil xi ħadd jagħmel, iħalli ssir, jew joqos milli jagħmel, xi ħaġa....’

28. Dwar dan ir-reat l-Antolisei jgħid:

A. ‘L’elemento oggettivo e’ costituito da una violenza o da una minaccia che abbiano l’effetto di costringere taluno a fare, tollerare od omettere qualche cosa.

B. L’avvenuto costringimento costituisce requisito essenziale del reato. Esso, quindi, ne segna la consumazione.

C. Il fatto deve essere illegittimo. L’illegittimita’ e’ esclusa soltanto quando ricorra una specifica causa di giustificazione, in forza della quale l’agente abbia la facolta’ giuridica di imporre una determinat condotta al paziente, come nel caso che si tratti di impedire la esecuzione o la permanenza di un reato. Fra i casi di

liceita’ rientra anche l’uso della violenza o minaccia per impedire il suicidio di una persona.

D. L’elemento psicologico consiste nella coscienza e volonta’ di usare violenza o minaccia, prevedendo – quale conseguenza della propria azione – che altri fara’ tollerera’ od omettere qualche cosa.’[1]

29. B’din l-interpretazzjoni, jidher li biex isir dan ir-reat wieħed irid jikkostrinġi ‘l xi ħadd li jagħmel **xi ħaġa ħażina** jew iħalli ssir **xi ħaġa ħażina jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa u meta jkun qed jonqos milli jagħmel xi ħaġa tkun tirriżulta xi ħaġa ħażina.**

**30. Ma’ dan wieħed irid iżid l-intenzjoni li din ix-xi ħaġa ħażina ssir jew tħalliha ssir jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa biex tirriżulta xi ħaġa ħażina.**

31. Il-Prosekuzzjoni nsistiet li mhux bil-fors il-ħaġa trid tkun illeġittima. Fid-dawl tal-bran mislut mill-Antolisei, il-Qorti ma jidhrilhiex li din hija l-interpretazzjoni ġusta ta’ dan l-artikolu. Il-Prosekuzzjoni straħet fuq brani mill-Carrara meta kien qed jikteb dwar it-teorija ġenerali tar-reaita’ iżda mkien ma saħħet l-argument tagħha b’referenza għal xi artikolu speċifiku.

32. Fil-fehma tal-Qorti ma jidhirx li l-imputat kellu l-intenzjoni li bintu tagħmel, tittolera jew ma tagħmilx biex tirriżulta xi ħaġa illeġittima. Kien ikun każ ieħor kieku l-imputat immannaċċja lil bintu biex tagħmel xi ħaġa ħażina jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa biex il-ħażen jirriżulta. Fil-fehma tal-Qorti l-elementi ta’ dan ir-reat ma jidhrux preżenti fil-provi u għalhekk qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni.

33. Min-naħa l-oħra l-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat it-tieni imputazzjoni – jiġifieri dik li taqa’ taħt l-artikolu 251B. L-imġiba vjolenti ta’ l-imputat bil-minaċċi bil-mus, id-daqqiet fuq ir-ras b’xi bowl, u bit-twaddib tal-ħġieġ kienet waħda li ġġiegħel lil persuna li

[1] Antolisei F. Manuale di Diritto Privato Parte Speciale 1.pagine 132-135

hija inkluża fl-artikolu 222(1) li ser jiġri xi ħaġa lill-persuan tagħha. Għalhekk qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni.

33. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-imputat ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq bintu stess. Il-prova ewlenija hija x-xhieda tat-tabiba u japplika l-artikolu 221(3)(a) għaliex il-bint hija waħda mill-persuni msemmija fl-artikolu 222(1)(b) kif jitlob dan is-sub-paragrafu. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni.

34. Il-provi juru wkoll li l-imputat kellu fuqu sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta u ma kellux liċnzja mill-Kummissarju biex iżomm fuqu dan l-istrument. Iżda jidher li l-imputat kellu l-mus ġewwa d-dar waqt li l-artikolu 6 tal-Kap 480 jirrikjedi liċenzja meta wieħed ikun qed iġorr arma li taqta' barra d-dar. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat mir-raba' imputazzjoni. Kap 480 artikolu 6.

35. Dwar il-ħames, is-sitt, u s-seba' imputazzjonijiet , il-Qorti qed tirreferi għal dak li jingħad fil-paragrafu 33. Qed issib lill-imputat ħati ta' dawn il-kontravenzjonijiet li pero' huma assorbiti fit-tieni imputazzjoni. (artikoli 339(d); 339(b); 339(h);

36. It-tmien imputazzjoni hija li l-imputat ma ħax ħsieb it-tfal. Iżda hawn il-fatti ppruvati mhumiex dwar xi nuqqas ta' l-imputat li ma ħax ħsieb uliedu. Pjuttost li żbalja għax ma kienx jaf fejn għandu jasal huwa u jieħu ħsiebhom li huwa diġa' kopert bit-tmien imputazzjoni. Il-Qorti għalhekk qed tillibera lill-imputat mid-disa' imputazzjoni.(339(j))

37. Id-disa' u l-għaxar imputazzjonijiet huma ppruvati wkoll stante li l-imputat kien fis-sakra meta beda jgħajjar lill-Pulizija li kienu marru għandu biex jaraw x'kien ġara. Għalhekk il-Qorti qed issibu ħati ta' dawn il-kontravenzjonijiet ukoll.(338(ff); 338(dd);)

38. Il-Qorti qed issib li l-imputat kien reċidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 għaliex inġiebet prova li ngħatat sentenza fil-konfront tiegħu fis-26 ta' Mejju 2006 li kienet

ta' sena priġunerija għal sentejn. Ma kinux għaddew ħames snin mit-tmiem ta' din is-sentenza.

39. Il-Qorti qed issib lill-imputat ukoll ħati li wettaq reat (it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet li huma t-tnejn reati) fi żmien operattiv ta' sentenza sospiża għax din ingħatat fis-26 ta' Mejju 2006 u r-reati twettqu fis-6 ta' Novembru 2007.

40. Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 17(h), 18, 28A, 49, 50, 251(1), 251B, 214, 221(3)(a), 339(d), 339(b), 339(h), 339(j), 338(ff), 338(dd) tal-Kap 9 kif ukoll l-artikolu 6 tal-Kap 480 qed issib lill-imputat ħati tat-tieni, tat-tielet, tal-ħames, tas-sitta, tas-seba,' tad-disa', ta' l-għaxra, tal-ħdax u tat-tnax imputazzjoni b'dan pero' li l-ħames, is-sitta u s-seba' imputazzjoni huma assorbiti fit-tieni imputazzjoni u qed tilliberah mill-ewwel, mir-raba' u mit-tmien imputazzjoni.

41. Dwar il-piena, il-Qorti qieset li l-imputat seta' ħass ruħu urtat dwar id-dewmien barra ta' bintu iżda min-naħa l-oħra esaġera wisq fir-reazzjoni tiegħu u għal dan l-aġir m'hemmx skużanti fil-Liġi. Il-Qorti nnutat ukoll li huwa wettaq reati fi żmien ta' sentenza ta' priġunerija ta' sena li kienet sospiża għal sentejn u li, barra dan, huwa reċidiv. Għalhekk qed iġġib fis-seħħ is-sena priġunerija li kienet sospiża. Dwar l-imputazzjonijiet l-oħra kollha li tagħhom sabitu ħati, il-Qorti qed tapplika l-artikolu 17(b) tal-Kap 9 u qed tikkundannah għal erba' xhur priġunerija effettivi( u għalhekk it-total ta' priġunerija huwa ta' sena u erba'xhur) u għall-ħlas ta' multa ta' €100 li tista' titħallas bir-rata ta' €30 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' xi pagament, il-bilanċ jitħallas f'daqqa u jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux. Miż-żmien tal-priġunerija għandu jitnaqqas kull żmien li l-imputat għadda taħt arrest preventiv.

Il-Qorti qed tordna divjet kemm tal-isem tal-imputat kif ukoll tal-allegata vittma ghaliex l-allegata vittma ghada tahjt it-tmientax –il sena u hemm rabta familjari bejn l-

imputat u l-minorenni.  B’danb il-mod il-Qorti tkun qed tipprotegi l-identita tal-minuri bis-shih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------